# S4.1 PERSONAĠĠI MALTIN

**S4.1.1**

Nagħmlu riċerka dwar it-tliet personaġġi msemmija.

**Kontributuri:**

**Jonathan Borg & Ms Falzon – Primarja Naxxar – Kulleġġ Maria Regina;**

**David Agius Muscat – Uffiċjal Edukattiv**

## Dun Karm Psaila



Fi żmien meta l-lingwa Maltija ma kinitx apprezzata ma' min kien jaf ħafna skola, Dun Karm Psaila kien minn tal-ewwel li beda jikteb bil-Malti. Għall-bidu Dun Karm kien jikteb il-poeżiji tiegħu bit-Taljan, bħalma kienu jagħmlu l-poeti l-oħra. Dun Karm ħassu jaqta' qalbu iżda mbagħad niżel għarkopptejh quddiem l-inkwatru tal-Madonna li kellu f'kamartu u talabha biex tgħinu. Dik il-lejla, Dun Karm kiteb l-ewwel poeżija tiegħu bil-Malti bl-isem ta' *Quddiem Xbieha tal-Madonna.* F'dik is-sena, 1912, Dun Karm kellu 41 sena.

Dun Karm twieled Ħaż-Żebbuġ fit-18 ta' Ottubru tal-1871. Ommu u missieru kienu Żebbuġin u ġejjin minn familji tal-bdiewa. Filwaqt li ommu kienet mara tad-dar, missieru kien baħri u għalhekk Dun Karm ma setax iqatta' ħin twil miegħu.

L-ewwel skola ta' Dun Karm kienet l-Iskola Primarja tal-Gvern ta' Ħaż-Żebbuġ. Għalih dan kien l-isbaħ żmien, tifel mibrum u mimli saħħa. Wara daħal dritt is-Seminarju u minn hemm, ta' 23 sena, ħareġ qassis. Barra li kien qassis, Dun Karm kien għalliem. Kien għalliem dħuli u fuq tiegħu u waqt il-ħin tal-mistrieħ kien iħobb jaqbad il-mandolina u joqgħod idoqqha.




Monument lil Dun Karm
Triq Sant' Anna, Furjana

Għalkemm f'din il-ħabta Dun Karm kien beda jikteb xi poeżiji bit-Taljan, il-bidu l-kbir tiegħu bħala poeta seħħ meta kellu 41 sena.

Għodwa waħda, żewġ kittieba, il-Monsinjur Pawl Galea u Ġużè Muscat Azzopardi, iltaqgħu ma' Dun Karm il-Belt. Qalulu li huma kellhom jibdew joħorġu gazzetta bil-Malti, *Il-Ħabib,* u stidnuh biex jiktbilhom xi poeżija sabiħa bil-Malti għall-ewwel ħarġa.

Għalkemm Dun Karm minn dejjem kien iħobb il-lingwa tagħna, huwa kien għadu jikteb poeżiji bit-Taljan biss. Għall-ewwel ħabat se jaqta' qalbu, imma mbagħad niżel għarkopptejh quddiem inkwatru tal-Madonna li kellu f'kamartu u talabha biex tgħinu. Dik il-lejla stess, fl-1912, Dun Karm ta' 41 sena kiteb l-ewwel poeżija bil-Malti u semmieha: *Quddiem Xbieha tal-Madonna.*

Minn dakinhar 'l hawn, Dun Karm beda jikteb ħafna poeżiji bil-Malti. Fosthom insibu l-*Innu ta' Filgħodu (Reġa' sebaħ ...)*, l-*Innu ta' Filgħaxija (Riesaq il-lejl Mulejja ...), Innu lill-Madonna* (*Fil-ħlewwa ta' Mejju ...)* u fuq kollox l-*Innu Malti*

u għadd kbir ta' poeżiji sbieħ fuq pajjiżna li wassluh biex ikun magħruf il-Poeta Nazzjonali.

Dun Karm għex ħajja kwieta u waħdu. Għal xi żmien l-uniku ħabib li kellu kien daqsxejn ta' għasfur lelluxi li għalih kiteb il-poeżija *Lill-Kanarin tiegħi*. Dun Karm baqa' dejjem mimli bi ħsibijiet kbar u bi mħabba safja lejn il-lingwa tagħna sakemm miet fit-13 ta' Ottubru tal-1961, meta kellu kważi 90 sena.

## L-INNU MALTI




**Versi:** **Dun Karm Psaila**

**Mużika:** **Robert Samut**

Lil din l-art ħelwa, l-omm li tatna isimha,
Ħares, Mulej, kif dejjem int ħarist;
Ftakar li lilha bl-oħla dawl libbist.

Agħti kbir Alla, id-dehen lil min jaħkimha,
Rodd il-ħniena lis-Sid, saħħa 'l-ħaddiem;
Seddaq il-għaqda fil-Maltin u s-sliem.

